# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Gimgha 31 ta’ Mejju 2002**

**Avviz. numru 401/99**

**Numru 22**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Joseph Scicluna abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Scicluna**

**vs**

**Antoinette Marie Curmi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici nomine et talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li prevja kull dikjarazzjoni ta‘ responsabbilta’ skond il-Ligi, thallas lill-atturi is-somma komplessiva ta’ erba’ mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm452.88) in

kwantu ghal tliet mija u erbgha u disghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm394.28) jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat tas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited, Joseph Scicluna, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u in kwantu ghal tlieta u tletin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm33.60) lill-attur Joseph Scicluna, ammont rapprezentanti d-danni lill-konvenut kagunati bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ammont rapprezentanti *excess payment*, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-1 ta' Dicembru 1997 ghall-habta ta' 12.40p.m. gewwa National Road, Blata l-Bajda, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAW 458, propjeta ta' l-attur Joseph Scicluna u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni FLC 274, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tal-11 ta' Jannar 1999, u dawk ta' l-ittra gudizzjarja li qed tintbaghat ma l-avviz lis-socjeta' England Insurance Agency Limited u interessi legali mid-

data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja ta' 11 ta' Jannar 1999 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta li biha eccepiet bir-rispett illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenuta kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tas-sewweiqa tal-vettura assigurata mis-socjeta attrici li kontra taghha qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnha kawzati.

Salvi eccezzjonijiet ohra (fol 5 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk jkun opportun li ssir referenza ghax-xhieda ta' <u>PS 1283 Carmelo Costa</u> u l-<u>iskizz</u> maghmul u esebit minnu (fol 11 u 13 ibid). Wara li spjega li din il-kollisjoni kienet tinvolvi vettura

numru LAW 458 misjuqa minn Valerie Scicluna, mart l-attur Joseph Scicluna u ohra numru FLC 274 misjuqa mill-konvenuta, dan ix-xhud kompla biex jghid li l-vettura misjuqa minn Valerie Scicluna u bl-imsemmi zewgha bhala passiggier, kienet hierga minn St Joseph High Road fejn hemm dwal tat-traffiku waqt li l-konvenuta kienet hierga minn "fly over" ("Junction Road") fejn hemm ukoll dwal tat-traffiku.  Dan li ghadu kemm inghad jidher mill-imsemmi skizz.  Hu ukoll accenna li, f'St Joseph High Road, madwar erbghin metru qabel l-imsemmija dwal, hemm ukoll "pelican lights" disponsibbli ghall-uzu ta' "pedestrians" sabiex jkunu jistghu jaqsmu l-istess triq.

In rigward id-dwal tat-traffiku involuti direttament f'dan il-kaz, ix-xhud qal "Milli stajt nara jiena, pero' it-traffic lights' kienu qed jahdmu normalment".  Dan qalu peress li l-partijiet involuti f'din il-kollisjoni kienu sostnew li l-istess dwal tat-traffiku "kienu hodor meta qasmu" (ara ukoll fol 15 ibid).

Illi, difatti Valerie Scicluna (fol 16 u 16A ibid) li kienet hierga minn St Joseph High Road, sostniet li, kemm il-"pelican lights" kemm id-dwal tat-traffiku imsemmija kienu hodor.  Waqt li kienet ghaddejja hi rat, wieqfa u fuq il-lemin taghha, il-vettura misjuqa mill-konvenuta.  Kif, pero', kienet waslet vicin ta' din, il-konvenuta

bdiet miexja bil-mod "u ghalhekk saret din il-kollissjoni". In rigward dan, xehed ukoll l-attur Joseph Scicluna (fol 17 ibid) li kien flimkien ma martu Valerie. Pero dan ma kienx innota jekk id-dwal tat-traffiku kienux hodor jew le. Hu kien ra biss, li kienu hodor, il-"pelican lights".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 32 u 33 tal-atti) da parti taghha irrakontat li meta kienet qed issuq fuq il-"flyover" ("Junction Road"), hi rat li t-"traffic lights" kienu "amber" ghalhekk hi waqfet "u kif qalbu ghal kulur ahdar" saqet il-quddiem. Hawnhekk "kif esattament hrigt ftit, giet karozza Isuzu sparata mid-direzzjoni tal-Hamrun".

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi prodotti u meqjusa iz-zewg versjonijiet konfliggenti tal-fatti sottomessi mill-partijiet involuti, din il-Qorti, f'kasijiet simili, dejjem rat jekk kienx hemm xi prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet involuti sabiex tara jekk tistax tikkonkludi, fuq basi ta' probabilta, liema versjoni tirrispekkja dak li effettivament gara, biex saret il-kollizzjoni in esami. Filfatt tali prova f'dan il-kaz, ma tissusistiex u b'hekk il-Qorti tara li ghandha

tichad it-talbiet attrici a basi ta' provi insufficjenti. Jinghad, ukoll li kien jispetta lis-socjeta' attrici nomine et sabiex tipprova, fuq basi ta' probabilta' li dan l-incident giet kagunat mis-sewqan allegatament traskurat da parti tal-konvenuta skond kif premess fl-istess avviz. Ghalhekk l-istess Qorti ma tistax tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-istess kollizjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici b'kull parti tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Deputat Registratur